II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-2 ta' Diċembru 2008**

**li taċċetta l-impenji offruti b'rabta mal-proċediment tal-anti-dumping dwar l-importazzjonijiet ta' aċidu ċitriku li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina**

(2008/899/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] (ir-"Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikoli 8 u 9 tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

### A. PROĊEDURA

(1) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 488/2008 [2], il-Kummissjoni imponiet dazji tal-anti-dumping provviżorji fuq importazzjonijiet fil-Komunità ta' aċidu ċitriku li joriġina fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (RPĊ).

(2) Wara l-adozzjoni tal-miżuri anti-dumping provviżorji, il-Kummissjoni kompliet l-istħarriġ dwar id-dumping, il-ħsara, u l-interess Komunitarju. Is-sejbiet u l-konklużjonijiet definittivi tal-istħarriġ huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1193/2008 [3] li jimponi dazju tal-anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' aċidu ċitriku li joriġina fir-RPĊ.

(3) L-istħarriġ ikkonferma s-sejbiet provviżorji ta' dumping li jagħmel ħsara rigward l-importazzjonijiet ta' aċidu ċitriku li joriġina mir-RPĊ.

### B. IMPENJI

(4) Wara l-adozzjoni ta' miżuri anti-dumping provviżorji, sitt produtturi esportaturi li kooperaw fir-RPĊ, jiġifieri Anhui BBCA Biochemical, RZBC, TTCA, Yixing Union Biochemical, Laiwu Taihe Biochemistry u Weifang Ensign Industry offrew impenji fir-rigward tal-prezzijiet skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament bażiku. F'dawn l-impenji, il-produtturi esportaturi offrew li jbigħu l-prodott ikkonċernat fil-livelli ta' prezz li jeliminaw l-effetti ta' ħsara tad-dumping jew ogħla. Kull produttur esportatur offra prezz wieħed minimu tal-importazzjoni għat-tipi differenti kollha tal-prodott biex jillimita r-riskju ta' evażjoni.

(5) Barra minn hekk, l-offerti jipprovdu għall-indiċjar tal-prezzijiet minimi billi l-prezzijiet tal-prodott ikkonċernat kienu jvarjaw b'mod sinifikanti, b'mod partikolari l-prezzijiet żdiedu b'mod konsiderevoli wara l-perjodu ta' stħarriġ. L-indiċjar isir skont il-kwotazzjonijiet pubbliċi internazzjonali tal-qamħirrum, il-materja prima ewlenija wżata mill-produtturi esportaturi. Madankollu, il-produtturi esportaturi offrew li jiffissaw il-prezzijiet minimi għall-inqas fil-livell tal-prezz mingħajr ħsara anki jekk l-indiċjar ikun iwassal għal livell tal-prezz aktar baxx.

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1.
[2] ĠU L 143, 3.6.2008, p. 13.
[3] Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

(6) Laiwu Taihe Biochemistry, li ngħata trattament ta’ ekonomija tas-suq, offra li jikkalkola l-prezz minimu tiegħu msejjes fuq il-valur normali stabbilit matul l-istħarriġ.

(7) Barra minn hekk, il-produtturi esportaturi, biex inaqqsu r-riskju ta’ vjolazzjoni tal-prezz permezz ta’ kumpens trasversali tal-prezzijiet, l-ewwel nett offrew li jirrapportaw il-bejgħ kollu mhux tal-UE lil dawk il-konsumaturi li l-organizzazzjoni jew l-istruttura tagħhom testendi lil hinn mill-UE, f’każ li l-produttur esportatur ibiegħ lil dan il-konsumatur fl-UE. It-tieni, il-produtturi esportaturi qablu li jirrispettaw sistema partikolari ta’ prezzijiet b’rabta ma’ dak il-bejgħ mhux tal-UE.

(8) Il-produtturi esportaturi se jipprovdu wkoll tagħrif regolari u dettaljat lill-Kummissjoni dwar l-esportazzjonijiet tagħhom lejn il-Komunità, li jfisser li l-impenji jistgħu jiġu ssorveljati b’mod effettiv mill-Kummissjoni.

(9) Hu nnotat ukoll li l-Kamra tal-Kummerċ taċ-Ċina tal-Importaturi u l-Esportaturi ta’ Metalli, Minerali u Kimika (“CCCMC”) qed tingħaqad mas-sitt kumpaniji msemmija fil-premessa 3, u li għalhekk is-CCCMC se jkollha rwol attiv fil-monitoraġġ tal-impenji. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li r-riskju ta’ evażjoni tal-impenji miftiehma huwa limitat.

(10) Wara l-iżvelar tal-offerti ta’ impenn, l-industrija Komunitarja oġġezzjonat għal dawn l-offerti ta’ impenn. L-industrija Komunitarja argumentat li indiċjar imsejjes fuq il-qamħirrum mhuwiex xieraq billi hemm elementi oħra ewlenin li jikkostitwixxu komponenti prinċipali varjanti tal-prezzijiet u ssuġġeriet minflok indiċjar imsejjes kemm fuq il-prezz tal-materja prima kif ukoll fuq dak tal-enerġija. Fir-rigward tal-kummenti tal-industrija Komunitarja li jissuġġerixxu indiċjar imsejjes ukoll fuq l-enerġija, huwa nnotat li l-enerġija mhijiex fattur importanti fil-prezz. Barra minn hekk, ma jkun hemm l-ebda sors ċar ta’ indiċjar billi l-enerġija meħtieġa tista’ tiġi prodotta minn sorsi differenti bħal faħam, gass naturali jew elettriku.

(11) L-industrija Komunitarja argumentat ukoll li, billi l-produtturi esportaturi jbiegħu l-prodott kopert mill-impenn lil kumpaniji multinazzjonali, hemm riskju għoli ta’ kumpens trasversali tal-prezzijiet jiġifieri l-prodott kopert mill-impenn jista’ jinbiegħ lill-istess konsumatur bi prezzijiet artifiċjalment baxxi barra mill-KE biex jikkumpensaw il-prezzijiet minimi fil-KE. F’dan ir-rigward ta’ min jinnota li l-biċċa l-kbira tal-bejgħ ta’ esportazzjoni tal-kumpaniji lill-KE jsir lill-kummerċjanti u mhux lill-kumpaniji multinazzjonali. Minkejja dan, u biex jitnaqqas aktar ir-riskju li jifdal ta’ kumpens trasversali minn xi kumpaniji speċifiċi, l-offerti jinkludu klawżoli speċjali ta’ kumpens trasversali fir-rigward ta’ bejgħ mill-kumpaniji kkonċernati lil dawk il-konsumaturi fil-KE li l-organizzazzjoni jew l-istruttura tagħhom testendi lil hinn mill-UE. Dawn il-klawżoli jnaqqsu b’mod sinfikanti r-riskju ta’ kumpens trasversali.

(12) Fid-dawl ta’ dan, l-impenji offruti mill-produtturi esportaturi huma aċċettabbli.

(13) Biex il-Kummissjoni tkun tista’ tissorvelja b’mod effettiv il-konformità tal-kumpaniji mal-impenji, meta t-talba għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa titressaq quddiem l-awtorità tad-dwana rilevanti, l-eżenzjoni mid-dazju tal-anti-dumping se tiddependi fuq (i) il-preżentazzjoni ta’ fattura tal-impenn li jkun fiha għall-inqas l-elementi elenkati fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1193/2008; (ii) il-fatt li l-prodotti importati jiġu manifatturati, mibgħuta u fatturati direttament mill-kumpaniji msemmija lill-ewwel konsumatur indipendenti fil-Komunità; u (iii) il-fatt li l-prodotti ddikjarati u ppreżentati lid-dwana jaqblu preċiżament mad-deskrizzjoni tal-fattura tal-impenn. Meta ma titressaq l-ebda fattura bħal din, jew meta din ma taqbilx mal-prodott ippreżentat lid-dwana, minflok għandha titħallas ir-rata ta’ dazju tal-anti-dumping xierqa.

(14) Biex jiġi żgurat iżjed ir-rispett effettiv tal-impenji, l-importaturi ġew mgħarrfa mir-Regolament tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, li jekk ma jintlaħqux il-kundizzjonijiet previsti minn dan ir-Regolament jew il-Kummissjoni tirtira l-aċċettazzjoni tal-impenji, dan jista’ jwassal biex jinħoloq dejn doganali għat-tranżazzjonijiet rilevanti.

(15) Fil-każ ta’ vjolazzjoni jew irtirar tal-impenn jew fil-każ ta’ rtirar tal-aċċettazzjoni tal-impenn mill-Kummissjoni, id-dazju tal-anti-dumping impost skont l-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku għandu japplika awtomatikament permezz tal-Artikolu 8(9) tar-Regolament bażiku.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-impenji offruti mill-produtturi esportaturi msemmija hawn taħt flimkien mal-Kamra tal-Kummerċ taċ-Ċina tal-Importaturi u l-Esportaturi ta’ Metalli, Minerali u Kimika, b’rabta mal-proċediment ta’ anti-dumping dwar importazzjonijiet ta’ aċidu ċitriku li joriġina fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, qegħdin b’dan jiġu aċċettati.

| Pajjiż | Kumpanija | Kodiċi Addizzjonali Taric |
|---|---|---|
| Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina | Anhui BBCA Biochemical Co., Ltd – No 73, Daqing Road, Bengbu City, 233010, Provinċja ta' Anhui | A874 |
| | Immanifatturat minn RZBC Co., Ltd – No 9 Xinghai West Road, Rizhao, Provinċja ta' Shandong u mibjugħ mill-kumpanija ta' bejgħ relatata RZBC Imp. & Exp. Co., Ltd – No 9 Xinghai West Road, Rizhao, Provinċja ta' Shandong | A926 |
| | Immanifatturat minn RZBC (Juxian) Co., Ltd – West Wing, Chengyang North Road, Ju County, Rizhao, Provinċja ta' Shandong u mibjugħ mill-kumpanija ta' bejgħ relatata RZBC Imp. & Exp. Co., Ltd – No 9 Xinghai West Road, Rizhao, il-Provinċja ta' Shandong | A927 |
| | TTCA Co., Ltd – West, Wenhe Bridge North, Anqiu City, Provinċja ta' Shandong | A878 |
| | Yixing Union Biochemical Co., Ltd – Economic Development Zone Yixing City 214203, Provinċja ta' Jiangsu | A879 |
| | Laiwu Taihe Biochemistry Co. Ltd, No 106 Luzhong Large East Street, Laiwu, Provinċja ta' Shandong | A880 |
| | Weifang Ensign Industry Co. Ltd, The West End, Limin Road, Changle City, Provinċja ta' Shandong | A882 |

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 2 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Catherine ASHTON

*Membru tal-Kummissjoni*